32004R0426

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 426/2004
ta' l-4 ta' Marzu 2004
li jiffissa l-prezzijiet tal-bejgħ tal-Komunità għall-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 għas-sena ta' sajd 2004

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u ta' l-akkwakultura [1],u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1) and (6) tiegħu,

Billi:

(1) Il-prezz tal-bejgħ tal-Komunità għandu jiġi ffissat għal kull wieħed mill-prodotti elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 qabel il-bidu tas-sena tas-sajd, f'livell ta' l-anqas ugwali għas-70 % u li ma jeċċedix id-90 % tal-gwida tal-prezz.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2326/2003 [2] jiffissa l-gwida tal-prezzijiet għas-sena tas-sajd 2004 għall-prodotti kollha kkonċernati.

(3) Il-prezzijiet tas-suq ivarjaw konsiderevolment skond l-ispeċi u kif ikunu ppreżentati l-prodotti, partikolarment fil-każ tal-klamar u tal-marlozz.

(4) Il-fatturi tal-konverżjoni għandhom għalhekk ikunu ffissati għall-ispeci differenti u l-preżentazzjonijiet tal-prodotti ffiżati li jinsabu fil-Komunità sabiex ikun stabbilit il-livell tal-prezz li jibda l-miżura ta' intervent previst fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000.

(5) Il-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezzijiet tal-bejgħ tal-Komunità applikabbli għas-sena tas-sajd 2004 għall-prodotti elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 u l-preżentazzjonijiet u l-fatturi tal-konverżjoni li huma konnessi magħhom jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-l4 ta' Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 17, tal-21.01.00, pġ. 22.
[2] ĠU L 345, tal-31.12.03, pġ. 27.

ANNESS

Prezzijiet tal-bejgħ u fatturi tal-konverżjoni

L-Ispeċi:	Il-Preżentazzjoni	Il-fattur tal-konverż-joni	Il-livell ta' intervent	Il-prezz tal-bejgh (EUR/tunnellata metrika)
Il-Ħalibatt ta' Groenlandja (*Reinhardtius hippoglossoides*)	Sħiħ, bir-ras jew mingħajrha	1,0	0,85	1 663
Il-Marlozz (*Merluccius* spp.)	Sħiħ, bir-ras jew mingħajrha.	1,0	0,85	1 069
	Fletti individwali			
	— bil-ġilda	1,0	0,85	1 274
	— mingħajr ġilda	1,1	0,85	1 402
Id-Denċi u l-Paġell (*Dentex dentex* and *Pagellus* spp.)	Sħiħ, bir-ras jew mingħajrha	1,0	0,85	1 348
Il-Pixxispad (*Xiphias gladius*)	Sħiħ, bir-ras jew mingħajrha	1,0	0,85	3 416
Il-gambli żgħar u kbar *Penaeidae*	Iffriżati			
(a) *Parapenaeus Longirostris*		1,0	0,85	3 430
(b) *Penaeidae* oħra		1,0	0,85	6 921
Is-Siċċ (*Sepia officinalis, Rossia macrosoma* u *Sepiola rondeletti*)	Iffriżat	1,0	0,85	1 705
Il-klamar (*Loligo* spp.)				
(a) *Loligo patagonica*	— sħiħ, mhux imnaddaf	1,00	0,85	993
	— imnaddaf	1,20	0,85	1 191
(b) *Loligo vulgaris*	— sħiħ, mhux imnaddaf	2,50	0,85	2 482
	— imnaddaf	2,90	0,85	2 879
Il-Qarnit (*Octopus* spp.)	Iffriżat	1,00	0,85	1 801
Illex argentinus	— sħiħ, mhux imnaddaf	1,00	0,80	678
	— tubu	1,70	0,80	1 153

Forom ta' preżentazzjoni kummerċjali:
— sħiħ, mhux imnaddaf: prodott li ma ġiex ittrattat,
— imnaddaf: prodotti li mill-inqas ġie mnaddaf mill-imsaren,
— tubu: il-klamar li mill-inqas ġie mnaddaf mill-imsaren u tneħħietlu r-ras.